**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 08 ta' Novembru, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 230/2023 AF**

**Polidano Brothers Limited (C-8884)**

**vs**

**ADMX Limited (C-79653)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Polidano Brothers Limited, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjetà esponenti hija kreditriċi tas-soċjetà konvenuta fl-ammont ta' sitta u disgħin elf, mitejn u wieħed u sittin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (**€96,261.91**) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' materjal tal-kostruzzioni kif irriżulta mill-*statement of account* hawn annessa u mmarkata **Dok. PB1**.

Ghalkemm is-socjetà konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex tħallas l-imsemmi ammont, inkluż permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 725/2023, u minkejja wegħdiet da parti tal-istess socjetà konvenuta li se tħallas dan l-ammont, hija baqgħet inadempjenti.

Is-soċjetà esponenti kellha għaldaqstant tintavola mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 237/2023 quddiem din 1-Onorabbli Qorti kontra s-socjetà konvenuta għal dan l-istess ammont, u dan in kawtela tal-istess ammont dovut lilha skont l-annessa *statement of account*.

Dawn il-fatti huma magħrufa personalment lill-esponenti.

Sa fejn taf is-soċjetà rikorrenti, is-soċjetà konvenuta m'għandhiex ecċċezzjonijiet validi xi tressaq għat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti.

Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeċiedi din li kawża bid-dispensa tas-smigħ għall-finijiet tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà konvenuta debitrici tas-società rikorrenti fl-ammont ta' sitta u disgħin elf, mitejn u

wieħed u sittin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (**€96,261.91**) kif hawn fuq deskritt.

3. Konsegwentement, tikkundanna lis-socjetà konvenuta sabiex tħallas lis-socjetà rikorrenti l-ammont hawn fuq indikat ta' sitta u disgħin elf, mitejn u wieħed u sittin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (**€96,261.91**).

u dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal mandat ta' sekwestru 237/2023, u tal-Ittra Uffiċjali bin-numru 725/2023 oltre l-imghax legali skont il-liġi kontra s-soċjetà konvenuta li hija minn issa nġunta in subizzjoni.

Rat li s-socjetà ADMX Limited, minkejja li giet debitament notifikata, baqghet ma nkarigat lil ebda rapprezentant taghha biex jidher fis-seduta. Lanqas ma tressqet ebda nota in kontestazzjoni.

Rat id-dokumenti.

Rat l-atti kollha.

Semghet lix-xhud Alvin Abela *viva voce*.

Qieset it-talbiet kollha gustifikati u ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi ADMX Limited hija debitrici ta' Polidano Brothers Limited fl-ammont ta' sitta u disghin elf, mitejn u wiehed u sittin Ewro u wiehed u disghin centezmu (€96,261.91).

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lil ADMX Limited thallas lil Polidano Brothers Limited is-somma ta' sitta u disghin elf, mitejn u wiehed u sittin Ewro u wiehed u disghin centezmu

(€96,261.91), bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez kollha jithallsu minn ADMX Limited.

IMHALLEF

DEP/REG